Nru./No. 21,250
Prezz/Price
€3.06

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 28 ta' Mejju, 2024
Tuesday, 28th May, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,181 - 13,195
Government Notices ..... *13,181 - 13,195*

Avviżi tal-Pulizija ..... 13,196 - 13,201
Police Notices ..... *13,196 - 13,201*

Avviżi lill-Baħħara ..... 13,202 - 13,204
Notices to Mariners ..... *13,202 - 13,204*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 13,204 - 13,206
Employment Opportunities ..... *13,204 - 13,206*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,206 - 13,208
Notices ..... *13,206 - 13,208*

Offerti ..... 13,208 - 13,216
Tenders ..... *13,208 - 13,216*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,217 - 13,244
Court Notices ..... *13,217 - 13,244*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 642

ĦATRA TAL-BORD TAL-FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' ĦARSIEN SOĊJALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru approva l-ħatra tal-Bord tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, kif ġej:

President
Is-Sur George Borg

Membri
Is-Sur Emanuel k/a Noel Abela
Is-Sur Anthony Agius Decelis
Is-Sa Sharon Bond
Dott. Karen Carachi
Is-Sa Marietta Cassar
Is-Sa Trischa Falzon
Is-Sa Amanda Grech
Is-Sur Saviour Grima
Is-Sur Nicholas Saliba
Is-Sur Stephen Rizzo

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-23 ta' Mejju, 2024.

It-28 ta' Mejju, 2024

Nru. 643

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL

Ħatra tal-Membri tal-Bord 1 tal-Aġenzija Residenza f'Malta

IL-MINISTERU għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol b'din jgħarraf, għall-informazzjoni ta' kulħadd, bl-emenda li ġejja għall-kompożizzjoni tal-Bord 1 tal-Aġenzija Residenza f'Malta.

Is-Sur Omar Cassar għandu jieħu post Dott. Corey Greenland bħala Chairperson tal-Bord 1 tal-Aġenzija Residenza f'Malta.

Din il-ħatra tibqa fis-seħħ sal-25 ta' Awwissu, 2025.

It-23 ta' Mejju, 2024

GOVERNMENT NOTICES

No. 642

APPOINTMENT OF THE BOARD OF THE FOUNDATION FOR SOCIAL WELFARE SERVICES

IT is notified for general information that the Prime Minister has approved the appointment of the Board of the Foundation for Social Welfare Services, as follows:

President
Mr George Borg

Members
Mr Emanuel k/a Noel Abela
Mr Anthony Agius Decelis
Ms Sharon Bond
Dr Karen Carachi
Ms Marietta Cassar
Ms Trischa Falzon
Ms Amanda Grech
Mr Saviour Grima
Mr Nicholas Saliba
Mr Stephen Rizzo

These appointments are for a period of one year with effect from 23rd May, 2024.

28th May, 2024

No. 643

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY AND EMPLOYMENT

Appointment of Members of the Residency Malta Agency Board 1

THE Ministry for Home Affairs, Security and Employment is hereby notifying, for general information, the following amendment to the composition of the Residency Malta Agency Board 1.

Mr Omar Cassar is to replace Dr Corey Greenland as Chairperson of the Residency Malta Agency Board 1.

This appointment is valid up to 25th August, 2025.

23rd May, 2024

Nru. 644

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL

Ħatra tal-Membri għall-Bord tal-Aġenzija tal-Malta Resident Visa

IL-MINISTERU għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol b'din jgħarraf, għall-informazjzoni ta' kulħadd, bl-emenda li ġejja għall-kompożizzjoni tal-Bord tal-Aġenzija tal-Malta Resident Visa.

Is-Sa Beverly Mizzi għandha tieħu post is-Sa Anette Buhagiar bħala Segretarja tal-Bord tal-Aġenzija tal-Malta Resident Visa.

Din il-ħatra tibqa' fis-seħħ sal-21 ta' Ġunju, 2025

It-23 ta' Mejju, 2024

No. 644

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY AND EMPLOYMENT

Appointment of Members of the Malta Resident Visa Agency Board

THE Ministry for Home Affairs, Security and Employment is hereby notifying, for general information, the following amendment to the composition of the Malta Resident Visa Agency Board.

Ms Beverly Mizzi is to replace Ms Anette Buhagiar as Secretary of the Malta Resident Visa Agency Board.

This appointment is valid up to 21st June, 2025.

23rd May, 2024

Nru. 645

ATT DWAR IL-KONVENZJONI TAL-ĠNUS MAGĦQUDA DWAR ID-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABBILTÀ (KAP. 627)

Regolamenti tal-2022 dwar ENGAGE (A.L. 210 tal-2022)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Avviż Legali numru 210 tal-2022, l-Att dwar il-konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbilità, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat ħatret lis-Sur Jacob Cachia bħala membru tal-Bord ENGAGE għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-8 ta' Mejju, 2024, wara riżenja ta' membru tal-bord.

Il-15 ta' Mejju, 2024

No. 645

UNITED NATIONS CONVENTION ON THE RIGHTS OF PERSONS WITH DISABILITIES ACT (CAP. 627)

ENGAGE Regulations, 2022 (L.N. 210 of 2022)

IN exercise of the powers conferred by Article 3 of Legal Notice number 210 of 2022, United Nations Convention on the Rights of Persons with Disabilities Act, and for the purpose of that Act, the Minister for Inclusion and the Voluntary Sector has appointed Mr Jacob Cachia as member of the ENGAGE Board for a period of three years with effect from 8th May, 2024, to replace a member who resigned.

15th May, 2024

Nru. 646

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,248 tal-24 ta' Mejju, 2024 (Avviżi Legali 113 sa 116).

A.L. 113 tal-2024: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur.

No. 646

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,248 of 24th May, 2024 (Legal Notices 113 to 116).

L.N. 113 of 2024: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Motor Vehicles (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 114 tal-2024: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur.

A.L. 115 tal-2024: Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Uffiċjali ta' Infurzar tat-Trasport.

A.L. 116 tal-2024: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Regolamenti tal-2024 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata.

It-28 ta' Mejju, 2024

L.N. 114 of 2024: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Motor Vehicles (Driving Licences) (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 115 of 2024: Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Transport Enforcement Officers (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 116 of 2024: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Traffic Signs and Carriageway Markings (Amendment) Regulations, 2024.

28th May, 2024

Nru. 647

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-artikolu 10B (1) ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-Nutar Dott.Alexia Farrugia biddlet kunjomha minn Farrugia għal Debattista u għalhekk isimha u kunjomha issa jinqraw Alexia Debattista.

DOTT. KEITH FRANCIS GERMAN
Nutar Prinċipali tal-Gvern

It-28 ta' Mejju, 2024

No. 647

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of article 10B (1) of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Notary Dr Alexia Farrugia changed her surname from Farrugia to Debattista, and therefore her name and surname now read Alexia Debattista.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Chief Notary to Government

28th May, 2024

Nru. 648

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (Kap. 55)

Warrants ta' Nutar Pubbliku 2024

NGĦARRFU illi l-persuni msemmija hawn taħt, wara li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet tal-Att imsemmi, ġew innominati Nutar Pubbliku b' Warrant tal-President ta' Malta.

Audrey Abela, Sarah Abela, Anthony Agius, Joseph Borg, Sean Briffa, Anthony Camilleri, Demi Caruana, Jack Delicata, Cherise Ellul, Andrea Gatt Floridia, Loretta Grech Lateo, Martina Gulia, Olivia Micallef, Jean Pierre Mifsud Bason, Andrew James Navarro, Raisa Said, Neil Sciberras, Annalisa Vella, Emma Vella, u Lara Zammit.

DOTT. KEITH FRANCIS GERMAN
Nutar Prinċipali tal-Gvern

It-28 ta' Mejju, 2024

No. 648

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Warrants of Notary Public 2024

IT is notified that the persons listed hereunder, after having complied with the provisions of the mentioned Act, have been appointed Notary Public by Warrant of the President of Malta.

Audrey Abela, Sarah Abela, Anthony Agius, Joseph Borg, Sean Briffa, Anthony Camilleri, Demi Caruana, Jack Delicata, Cherise Ellul, Andrea Gatt Floridia, Loretta Grech Lateo, Martina Gulia, Olivia Micallef, Jean Pierre Mifsud Bason, Andrew James Navarro, Raisa Said, Neil Sciberras, Annalisa Vella, Emma Vella, and Lara Zammit

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Chief Notary to Government

28th May, 2024

Nru. 649

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) daħal lura fuq dmirijietu fil-25 ta' Mejju, 2022, u l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 628 tal-21 ta' Mejju, 2024, huma b'din imħassrin.

It-28 ta' Mejju, 2024

No. 649

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on 25th May, 2024, and the arrangements referred to in the Government Notice No. 628 of 21st May, 2024, are hereby being cancelled.

28th May, 2024

Nru. 650

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
28.5.2024	€69.378	€0.904

It-28 ta' Mejju, 2024

No. 650

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

28th May, 2024

Nru. 651

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Parti minn Triq il-Knisja, ix-Xgħajra (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 13,186).

Triq Manuel Magri, il-Ħamrun (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 13,187).

No. 651

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Part of Triq il-Knisja, Xgħajra (indicated on site plan on page 13,186).

Triq Manuel Magri, Ħamrun (indicated on site plan on page 13,187).

Triq il-Ġifen, Triq Maurice Bonnici, Triq ix-Xini, Triq il-Bimbu u Triq l-Iskuna, Marsaxlokk (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 13,188).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal-Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-3 ta' Ġunju, 2024 u d-29 ta' Diċembru, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet f'parit minn Triq il-Knisja, ix-Xgħajra. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-3 ta' Ġunju, 2024 u d-29 ta' Diċembru, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Manuel Magri, il-Ħamrun. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-3 ta' Ġunju, 2024 u d-29 ta' Diċembru, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq il-Gifen, Triq Maurice Bonnici, Triq Xini, Triq il-Bimbu u Triq l-Iskuna, Marsaxlokk. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew għajnuna jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

It-28 ta' Mejju, 2024

Triq il-Ġifen, Triq Maurice Bonnici, Triq ix-Xini, Triq il-Bimbu and Triq l-Iskuna, Marsaxlokk (indicated on site plan on page 13,188).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 3rd June, 2024 and 29th December, 2024, it will be starting road works in part of Triq il-Knisja, Xgħajra. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 3rd June, 2024 and 29th December, 2024, it will be starting road works in Triq Manuel Magri, Ħamrun. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 3rd June, 2024 and 29th December, 2024, it will be starting road works in Triq il-Gifen, Triq Maurice Bonnici, Triq ix-Xini, Triq il-Bimbu and Triq l-Iskuna, Marsaxlokk. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'no parking' signs on site are liable to be towed.


Further assistance or information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

28th May, 2024



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: IX-XGHAJRA po Triq il-Knisja - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)		
S:\Traffic Management\2023\Xghajra\2023 Xghajra.dwg	HEAD OF UNIT: N.V.			
	PROJECT LEADER: -	DATE: Sep 2023	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD213/23
	DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A
				PAGE NO: 1



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: IL-HAMRUN po Triq Manuel Magri - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)	
S:\Traffic Management\2023\Hamrun\2023 Hamrun.dwg	HEAD OF UNIT: N.V.		
	PROJECT LEADER: -	DATE: May 2024	FILE NO: -
	DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2400
		REVISION: A	PAGE NO: 1c
			DRAWING NO: IMD003/23/c



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2024\Marsaxlokk\2024 Marsaxlokk.dwg

UNIT NAME: Implementation	DRAWING TITLE: MARSAXLOKK Various Roads - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)			
HEAD OF UNIT: N.V.				
PROJECT LEADER: -	DATE: May 2024	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD151/24	
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A	PAGE NO: 5

No. 652

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Nota ta' Spjegazzjoni[1]

Regolamenti tal-2024 dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa

1. Introduzzjoni

It-titolu ta'dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2024 dwar il-kategorizzazzjoni tal-bdiewa. L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jinħoloq mekkaniżmu għall-kategorizzazzjoni ta'azjendi agrikoli kummerċjali, abbażi tal-ammont ta' art u, jew unitajiet ta'bhejjem (LSU) meħtieġa biex jinżamm livell speċifiku ta' dħul. Dawn ir-regolamenti ġew abbozzati mill-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-annimali (MAFA).

2. Sommarju u sfond

Il-mekkaniżmu li nħoloq b'dawn ir-regolamenti se jintuża bħala għodda biex jiġu identifikati l-kategoriji differenti fi ħdan is-settur agrikolu. Dan se jipprovdi għal viżibbiltà aħjar tas-settur agrikolu li se jipprovdi għal dawk li jfasslu l-politika biex jevalwaw aħjar is-settur u jipprovdu għal politiki u skemi aktar immirati. Dan il-qafas legali jaħseb ukoll għall-possibbiltà li entitajiet oħra barra l-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-annimali jużaw dan il-mekkaniżmu biex jagħmlu politiki speċifiċi biex jaħsbu għall-kategoriji differenti ta'azjendi agrikoli. Dan jista' jinkludi entitajiet bħall-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), l-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma (EWA), l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u aġenziji ta' finanzjament, fost oħrajn.

Dawk li jfasslu l-politika dejjem fittxew mekkaniżmu ta' kif jikklassifikaw l-azjendi agrikoli biex jippermettu l-iżvilupp ta' politiki li jimmiraw għall-ħtiġijiet ta' kategoriji speċifiċi ta' biedja. Wara bosta diskussjonijiet b'konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Agrikoltura (ACC), ġie adottat mekkaniżmu li jista' jippermetti kategorizzazzjoni sistematika tal-azjendi bbażati fuq il-potenzjal tagħhom li jiġġeneraw dħul minn dik l-azjenda.

Dawn ir-regolamenti jippermettu lid-Direttorat tal-Agrikoltura jwaqqaf mekkaniżmu li janalizza l-kompożizzjoni kollha tal-azjenda u jikkategorizzaha skont dan. Dan se jpoġġi l-azjenda f'kategorija speċifika, liema kategorija tista' tintuża biex —tibbenifika minn inċentivi li jistgħu jkunu marbuta ma' din il-kategorizzazzjoni.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Dawn ir-regolamenti li jaqgħu taħt l-Att dwar l-Agrikoltura (Kapitolu 639 tal-Liġijiet ta'Malta) huma stabbiliti f' sitt regolamenti ewlenin:

- Titolu, għan u bidu fis-seħħ (regolament 1)

- Tifsir (regolament 2)

- L-istabbiliment tas-Sistema ta' Kategorizzazzjoni tal-Azjendi Agrikoli u l-parametri referenzjarji relatati. (regolament 3)

[1]Din in-nota ta' spjegazzjoni hija skont u għall-fini tal-artikolu 3(2) (ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

- Kategorizzazzjoni ta' azjendi kummerċjali (regolament 4)

- Il-Bord ta' Evalwazzjoni tal-azjenda (regolament 5)

- Kontestazzjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Kap. 490) (regolament 6)

4. Kummentarju

Ir-regolament 3 jispjega l-proċess għall-istabbiliment tas-sistema ta' kategorizzazzjoni tad-dħul tal-azjendi agrikoli u l-parametri referenzjarji relatati. Id-Direttur għandu juża metodoloġija simplifikata kif imiss biex jikkalkula l-introjtu annwali derivat ta' azjendi agrikoli kummerċjali biex jippubblika permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, tabelli bil-parametri referenzjali sabiex jipprovdi għall-kategorizzazzjonital-introjtu derivat minn azjenda agrikola f'erba' (4) klassijiet. Il-klassijiet se jkunu bbażati fuq il-paga minima u s-salarju bażiku medju, inkluż il-punt tan-nofs ta bejniethom, u dawk li jaqbżu s- salarju bażiku medju . Il-kategoriji ta' attivitajiet għandhom jiddifferenzjaw bejn azjendi tal-bhejjem u dawk tal-uċuħ tar-raba', kif ukoll għal dawk l-azjendi ta' attivitajiet imħallta. Għandhom jinżammu razzjonalizzazzjonijiet biex dawn is-sitwazzjonijiet jitqiesu kif xieraq skont avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-kategorizzazzjoni għandha tiġi riveduta mill-inqas kull ħames (5) snin.

Ir-regolament 4 jistabbilixxi l-proċedura tal-kategorizzazzjoni. Sal-aħħar ta' Marzu ta' kull sena, l-azjendi kummerċjali se jiġu kategorizzati skont l-output standard tagħhom abbażi tad-data disponibbli għas-sena preċedenti, f' waħda mill-erba' kategoriji ta' introjtu derivat stabbiliti taħt ir-regolament 3 (3). Sa mhux aktar tard minn Ġunju tal-istess sena, bidwi jista' jitlob għar-rikategorizzazzjoni billi jagħmel dikjarazzjoni lill- Bord ta' Evalwazzjoni tal-Azjenda u jipprovdi dokumentazzjoni ta' sostenn kif preskritt taħt dan ir-regolament.

Ir-regolament 5 jipprovdi biex il-Ministru jaħtar bord responsabbli għall-evalwazzjoni tat-talbiet għal kategorizzazzjoni mill-ġdid u għandu jissejjaħ il-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Azjenda. Dan ir-regolament jiddeskrivi l-kompożizzjoni tal-bord u kif għandhom jinħarġu d-deċiżjonijiet tal-bord.

Ir-regolament 6 jipprovdi għal kontestazzjoni quddiem it-Tribunal ta'Reviżjoni Amministrattiva jekk bidwi jkun jixtieq jikkontesta d-deċiżjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Azjenda. Tali bidwi għandu tletin (30) jum mid-data tan-notifika ta' dik id-deċizjoni tal-Bord sabiex jikkontestaha quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

5. Taqsima konklużiva

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u affarijiet rurali, jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti, liema dati ma għandhomx ikunu ta' anqas minn xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil (agripolicy.mafa@gov.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-28 ta' Mejju, 2024

Regolamenti tal-2024 dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa

Linji gwida għall-utenti

1. Ir-Regolamenti dwar il-kategorizzazzjoni tal-bdiewa jipprovdu qafas legali għall-azjendi agrikoli kummerċjali biex jiġu kategorizzati f 'kategoriji differenti skont l-introjtu annwali derivat tagħhom ikkalkulat abbażi tad-dħul agrikolu u l-outputs standard applikabbli għalihom. Din il-kategorizzazzjoni se sservi bħala għodda biex nifhmu aħjar is-settur agrikolu u jiġu identifikati aħjar il-ħtiġijiet tiegħu u jiġu ndirizzati permezz ta' miżuri u politiki aktar immirati.

2. Dawn il-linji gwida huma maħsuba għall-bdiewa u managers ta' azjendi agrikoli kummerċjali bi produzzjoni standard ta' aktar minn €4,000 fis-sena, li se jiġu kategorizzati skont l-informazzjoni li għandu d-Direttorat tal-Agrikoltura. Dawn il-linji gwida huma maħsuba biex l-utenti jifhmu aħjar il-metodoloġija użata għall-kategorizzazzjoni u l-proċedura għar-rikategorizzazzjoni li għandha tiġi segwita jekk bidwi ma jaqbilx mal-kategorija li fiha tkun tqiegħdet l-azjenda kummerċjali.

3. Mis-sena 2025, kull bidwi reġistrat li jaġixxi bħala l-maniġer ta' azjenda agrikola kummerċjali, li tinkludi kemm azjendi tal-għelejjel kif ukoll tal-bhejjem, għandu jiġi kategorizzat taħt waħda mill-erba' kategoriji stabbiliti kif notifikat mid-Direttorat permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Kull bidwi se jirċievi komunikazzjoni uffiċjali li tinforma dwar il-kategorija li taħtha dik l-azjenda ġiet ikkategorizzata.

4. Wara li ssir l-kategorizzazzjoni, il-bidwi se jkollu tliet xhur, sal-aħħar ta' Ġunju, biex jikkontesta l-kategorija li fiha tkun tpoġġiet l-azjenda, jekk il-bidwi jħoss li din ma tirriflettix l-introjtu annwali derivat ta' dik l-azjenda. Dan jista' jsir billi tiġi ppreżentata dikjarazzjoni lill-Bord ta' Evalwazzjoni ta' Azjenda għall-kategorizzazzjoni mill-ġdid. Id-dikjarazzjoni teħtieġ li tinkludi d-dokumentazzjoni ta' sostenn li ġejjin;

- id-dokumentazzjoni kollha pprovduta lill-awtoritajiet fiskali fir-rigward tal- attivitajiet agrikoli tal-azjenda agrikola (bħall-formola RA1);

- pjanti tas-sit tal-biċċiet ta' art li jkunu qed jiġu kkultivati mill-azjenda agrikola;

- prova li l-azjenda agrikola qed tiġi ġestita mill-bidwi li qed jitlob ir-rikategorizzazzjoni;

- pjanijiet tal-uċuħ tar-raba' mill-azjenda agrikola u kwalunkwe ftehim relatat mal-azjenda agrikola; u

- kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li tista' tintalab mill-Bord, minn żmien għal żmien

5. Il-bord joħroġ id-deċiżjoni tiegħu fi żmien disgħin (90) jum u l-bidwi jiġi avżat b 'din id-deċiżjoni.

6. Jekk il-bidwi xorta jemmen li l-kategorija li taħtha l-bord ikun poġġa l-azjenda ma tkunx korretta, il-bidwi jista' jikkontesta deċiżjoni lit- Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fi żmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika lill-bidwi.

Għal aktar informazzjoni, il-bdiewa jistgħu jikkuntattjaw lid-Direttorat tal-Agrikoltura billi jibagħtu email lil (agripolicy.mafa@gov.mt)

No. 652

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Explanatory Note[1]

Categorisation of Farmers Regulations, 2024

1. Introduction

The title of these regulations is the Categorisation of Farmers Regulations, 2024. The scope of these regulations is to create a mechanism for categorizing commercial agricultural holdings, on the basis of the amount of land area and, or Livestock units (LSU) required to maintain a specific level of income. These regulations have been drafted by the Ministry of Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA)

2. Summary and background

The mechanism created by these regulations will be used as a tool to identify the different categories within the agricultural sector. This will provide for a better visibility of the agriculture sector which will provide for policy makers to better assess the sector and provide for more targeted policies and schemes. This legal framework also provides for the possibility of other entities outside the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights to use this mechanism for making specific policies to cater for the different categories of agriculture holdings. This may include entities such as the Environment and Resources Authority (ERA), the Energy and Water Agency (EWA), the Planning Authority (PA) and financing agencies, among others.

Policy makers have always sought mechanism of how to classify agricultural holdings to allow for the development of policies that target the needs of specific categories of farming. Following numerous discussions in consultation with the Agriculture Consultative Council (ACC), a mechanism was adopted that could allow a systematic categorisation of holdings based on their potential to generate income from that holding.

These regulations allow the Agriculture Directorate s ato set up a mechanism that analysis all the composition of the holding and categorises it accordingly. This will place the holding in a specific category, which category may be used to benefit from incentives that can be linked to this categorisation.

3. Overview of the structure of the instrument

These regulations which fall under the Agriculture Act (Chapter 639 of the Laws of Malta) are set out in six main regulations:

- Citation, scope and commencement (regulation 1)

- Interpretation (regulation 2)

- Setting the Farm Categorisation System and Related Benchmarks (regulation 3)

[1]This Explanatory Note is in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

- Categorising commercial holdings (regulation 4)

- The Holding Evaluation Board (regulation 5)

- Contestation before the Administrative Tribunal (regulation 6)

4. Commentary

Regulation 3 explains the process for setting the farm categorisation system and the related benchmarks. The Director shall use a suitably simplified methodology for reckoning the derived annual income of commercial agriculture holdings to publish by means of a Government notice in the Gazette, tables indicating the benchmarks to provide for the categorissation of the income derived from an agriculture holding into four (4) classes. The classes will be based on the minimum wage and the average basic salary including a midpoint in between and those that exceed the average basic salary. The activity categories shall differentiate between livestock and crop holdings and for mixed activity holdings. Rationalisations shall be held to properly account for such situations according to a notice published in the Government gazette. The categorisation shall be revised at least every five (5) years.

Regulation 4 sets out the procedure of categorisation. By the end of March of every year, commercial holdings will be categorised according to their standard output based on the available data of the previous year, into one of the four categories of derived income set out under regulation 3(3). By not later than June of the same year, a farmer can request a re-categorisation by making a declaration to the Holding Evaluation Board and providing supporting documentation as prescribed under this regulation.

Regulation 5 provides for the Minister to appoint a board responsible for evaluating requests for re-categorisation and shall be referred to as the Holding Evaluation Board. This regulation describes the composition of the board and how decisions of the board are to be issued.

Regulation 6 provides for contestation before the Administrative Review Tribunal should a farmer wish to contes the Holding Evaluation Board'sdecision. Such farmer shall have thirty (30) days from the date of service of such decision to contest it before the Administrative Review Tribunal.

5. Concluding Section

These regulations shall come into force on such date or dates as the Minister responsible for agriculture and rural affairs, may by notice in the Gazette establish, and different dates may be so established for different provisions and, or purposes of these regulations, which dates shall not be less than two (2) months from the publication of these regulations.

For further information please contact agripolicy.mafa@gov.mt

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

28th May, 2024

Categorisation of Farmers Regulations, 2024

User guidelines

1. The Categorisation of Farmers Regulation provide a legal framework for commercial agriculture holdings to be categorised into different categories according to their derived annual income calculated on the basis of the size of the agriculture income and the standard outputs applicable to them. This categorisation will serve as a tool to better understand the agriculture sector and better identify its needs and be able to address them through more targeted measures and policies.

2. These user guidelines are intended for farmers and managers of commercial agriculture holdings with a standard output of more than €4,000 per annum, which will be categorised according to the information available to the Agriculture Directorate. These guidelines are intended for the users to better understand the methodology used for categorisation and the procedure for re-categorisation to be followed should a farmer not agree with the category in which the commercial holding has been placed.

3. As from the year 2025, every registered farmer acting as the manager of a commercial agriculture holding, which includes both crop and livestock holdings, shall be categorised under one of the four established categories as notified by the Directorate through a Notice in the Government Gazette. Each farmer will receive an official communication informing of the category under which that holding has been categorised.

4. Following categorisation, the farmer will have three months, until the end of June, to contest the category in which the holding has been placed, should the farmer feel that it does not reflect the derived annual income of that holding. This can be done by submitting a declaration to the Holding Evaluation Board for re-categorisation. The declaration needs to include the following supporting documentation;

- all documentation supplied to the fiscal authorities in relation to the agricultural activity of the agricultural holding (such as the RA1 form);

- site plans of the parcels being cultivated by the agricultural holding;

- proof that the agricultural holding is being managed by the farmer who is requesting the re-categorisation;

- crop plans by the agricultural holding and any agreements relating to the agricultural holding; and

- any further documentation as may be requested by the Board from time to time

5. The board will issue its decision within ninety (90) days and the farmer will be notified accordingly of this decision.

6. If the farmer still believes that the category under which the board has placed the holding is incorrect, the farmer may contest a decision to the Administrative Review Tribunal within thirty (30) days from date of service to the farmer.

For further information, farmers may contact the Agriculture Directorate by sending an email to (agripolicy.mafa@gov.mt).

Nru. 653

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, l-ko-inkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn ko-inkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

It-28 ta' Mejju, 2024

No. 653

LANDS AUTHORITY

Notification of Affixation of Notice

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

28th May, 2024

Nru. tal-Applikazzjoni *Application No.*	Nru. tal-Proprjetà/Tenement *Property/Tenement No.*	Deskrizzjoni tal-Proprjetà *Property Description*	Talba *Request*
AGRI 1/2024/0060	E01663	Raba il-Ħofra - MELLIEĦA	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2024/0042	Z50240-009	Raba 7th ptn Qasam San Ġorġ - KERĊEM	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2023/0650	50446-006	Raba 18th ptn Tal-Ħemsija - RABAT	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2022/1347	Z50292-016	Raba 3rd ptn Tal-Lewż - XEWKIJA	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2020/0297	50358-002	Raba Farm Benwarrat - NAXXAR	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2024/0237	J49063	Raba Tal-Ħabel ix-Xiħ/ Ta' Ħassajek - QRENDI	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2022/1640	50940-005	Raba 1st ptn Wied Ħażrun - RABAT	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2022/1419	50465-010	Raba 2nd ptn Ġnien Fieres - RABAT	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2021/0828	Z50291-021	Raba 2nd ptn Tal-Lewż - XEWKIJA	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 119

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Naxxar

Nhar it-Tlieta, 28 ta' Mejju, 2024 mill-10.00 a.m. sat-8.00 p.m. minn Triq l-Għenieq

L-Iklin

Nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024 mit-3.00 p.m. sal-10.00 p.m. minn Triq l-Awrikarja.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Mejju, 2024

POLICE NOTICE

No. 119

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Naxxar

On Tuesday, 28th May, 2024 from 10.00 a.m. till 8.00 p.m. through Triq l-Għenieq.

Iklin

On Wednesday, 29th May, 2024 from 3.00 p.m. till 10.00 p.m. through Triq l-Awrikarja.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

28th May, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 120

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bormla

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024 mis-6.00 a.m. sa nofsinhar minn Triq il-Pellegrinaġġ.

Il-Mosta

It-traffiku u l-parkeġġ huwa pprojbit nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024, mis-1.00 p.m. sal-11.00 p.m., f'Ta' Mlit Housing Estate. Iż-żona msemmija se tkun kompletament magħluqa matul dawn il-ħinijiet;

It-traffiku u l-parkeġġ huwa pprojbit nhar l-Erbgħa, 5 ta' Ġunju, 2024, minn nofsinhar sat-8.00 p.m., fil-ġenb tal-Knisja

POLICE NOTICE

No. 120

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Cospicua

On Thursday, 30th May, 2024 from 6.00 a.m. till noon through Triq il-Pellegrinaġġ.

Mosta

All the traffic and parking is prohibited on Thursday, 30th May, 2024, from 1.00 p.m. till 11.00 p.m., at Ta' Mlit Housing Estate. The mentioned area will be completely closed during these hours;

All the traffic and parking is prohibited on Wednesday, 5th June, 2024, from noon till 8.00 p.m., at the side area of Mosta

tar-Rotunda fil-Mosta (parkeġġ). Iż-żona msemmija se tkun kompletament magħluqa matul dawn il-ħinijiet.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Il-Gudja

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024, mill-5.00 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Il-Kbira (quddiem il-każin tal-Labour tal-Gudja) u Triq William Baker (2 parkeġġi).

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, minn nofsinhar sal-11.30 p.m., minn Pjazza Santu Wistin.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Fontana

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Triq il-Għajn u Pjazza Santu Wistin.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Birgu

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Mina l-Kbira u Triq it-Torri ta' San Ġwann

Trasport pubbliku se jkun affettwat mis-6.30 p.m. sat-8.15 p.m.

L-Għarb

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mis-7.30 a.m. sal-11.15 a.m., minn Pjazza l-Isqof Cauchi, Triq Frenċ tal-Għarb, Triq l-Isqof Mikiel Molina, Triq Trux u Pjazza Viżitazzjoni.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

L-Imsida

Nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2024, mis-6.30 p.m. sat-8.00 p.m., se jkun hemm attività politika fi spazju pubbliku/ġnien, faċċata tal-Knisja Parrokkjali tal-Imsida. Ħadd ma jista' jipparkja (4 parkeġġi) mis-2.00 p.m. 'il quddiem fi Triq ix-Xatt, Ta' Xbiex.

In-Nadur

Nhar it-Tlieta, 4 ta' Ġunju, 2024, mill-11.00 a.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Madre Gianna Camilleri u Pjazza Dun Martin Camilleri.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Rotunda Church (parking area). The mentioned area will be completely closed during these hours.

Public transport will not affected.

Gudja

On Friday, 31st May, 2024, from 5.00 p.m. till 11.30 p.m., through Triq Il-Kbira (in front of Gudja Labour Party club) and Triq William Baker (2 parking spaces).

Public transport will not be affected.

Victoria, Gozo

On Saturday, 1st June, 2024, from noon till 11.30 p.m., through Pjazza Santu Wistin.

Public transport may also be affected.

Fontana

On Saturday, 1st June, 2024, from 8.00 a.m. till 1.00 p.m., through Triq il-Għajn and Pjazza Santu Wistin.

Public transport may also be affected.

Vittoriosa

On Saturday, 1st June, 2024, from 4.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq il-Mina l-Kbira and Triq it-Torri ta' San Ġwann

Public transport shall be affected from 6.30 p.m. till 8.15 p.m.

Għarb

On Sunday, 2nd June, 2024, from 7.30 a.m. till 11.15 a.m., through Pjazza l-Isqof Cauchi, Triq Frenċ tal-Għarb, Triq l-Isqof Mikiel Molina, Triq Trux and Pjazza Viżitazzjoni.

Public transport may also be affected.

Msida

On Monday, 3rd June, 2024, from 6.30 p.m. till 8.00 p.m., a political activity will take place in a public space/garden, opposite Msida parish church. No parking (4 parking spaces) shall be allowed from 2.00 p.m. onwards, in Triq ix-Xatt, Ta' Xbiex.

Nadur

On Tuesday, 4th June, 2024, from 11.00 a.m. till 11.30 p.m., through Triq Madre Gianna Camilleri and Pjazza Dun Martin Camilleri.

Public transport may also be affected.

L-Imqabba	Mqabba
Mill-Erbgħa, 5 ta' Ġunju, 2024, fis-6.00 a.m., sas-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, f'nofsillejl, mill-Pjazza tal-Knisja;	From Wednesday, 5th June, 2024, at 6.00 a.m., till Saturday, 8th June, 2024, at midnight, through Pjazza tal-Knisja;
Mill-Ħadd, 9 ta' Ġunju, 2024, fis-6.00 a.m., sal-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju, 2024, f'nofsillejl minn Triq San Bażilju (lejn il-Knisja), il-Pjazza tal-Knisja, Triq Santa Katarina (sa kantuniera ma' Triq San Inoċenzju), Triq Karmenu Ciantar u Triq il-Madonna Tal-Ġilju (sa kantuniera ma' Triq l-Aħwa Ghigo);	From Sunday, 9th June, 2024, at 6.00 a.m., till Friday, 14th June, 2024, at midnight, through Triq San Bażilju (towards the church), il-Pjazza tal-Knisja, Triq Santa Katarina (till corner with Triq San Inoċenzju), Triq Karmenu Ciantar and Triq il-Madonna Tal-Ġilju (till corner with Triq l-Aħwa Ghigo);
Mis-Sibt, 15 ta' Ġunju, 2024, fis-6.00 a.m., sal-Ħadd, 16 ta' Ġunju, 2024, f'nofsillejl, minn Triq San Bażilju (lejn il-Knisja), il-Pjazza tal-Knisja, Triq Santa Katarina (sa kantuniera ma' Triq San Inoċenzju), Triq Karmenu Ciantar u Triq il-Madonna Tal-Ġilju (sa kantuniera ma' Triq l-Aħwa Ghigo);	From Saturday, 15th June, 2024, at 6.00 a.m., till Sunday, 16th June, 2024, at midnight, through Triq San Bażilju (towards the church), il-Pjazza tal-Knisja, Triq Santa Katarina (till corner with Triq San Inoċenzju), Triq Karmenu Ciantar and Triq il-Madonna Tal-Ġilju (till corner with Triq l-Aħwa Ghigo);
Nhar is-Sibt, 15 ta' Ġunju, 2024, u nhar il-Ħadd, 16 ta' Ġunju, 2024, mill-4.00 p.m. till midnight, minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija;	On Saturday, 15th June, 2024, and Sunday, 16th June, 2024, from 4.00 p.m. till midnight, through Triq il-Konvoj ta' Santa Marija;
Nhar il-Ħadd, 9 ta' Ġunju, 2024, mit-3.30 p.m. sal-10.30 p.m., mill-Pjazza tal-Knisja (quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali tal-Madonna Tal-Ġilju), il-Pjazza tal-Knisja (quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija) u Triq Karmenu Ciantar (sa kantuniera ma' Triq id-9 ta' April 1942);	On Sunday, 9th June, 2024, from 3.30 p.m. till 10.30 p.m., through Pjazza tal-Knisja (in front of the Madonna Tal-Ġilju Soċjetà Mużikali band club), il-Pjazza tal-Knisja (in front of the Santa Marija Soċjetà Mużikali band club) and Triq Karmenu Ciantar (till corner with Triq id-9 ta' April 1942);
Nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2024, mill-4.00 p.m. till midnight, mill-Pjazza tal-Knisja (quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali tal-Madonna Tal-Ġilju), il-Pjazza tal-Knisja quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija) u Triq il-Madonna Tal-Ġilju (sa kantuniera ma' Triq l-Aħwa Ghigo);	On Monday, 10th June, 2024, from 4.00 p.m. till midnight, through Pjazza tal-Knisja (in front of the Madonna Tal-Ġilju Soċjetà Mużikali band club), il-Pjazza tal-Knisja (in front of the Santa Marija Soċjetà Mużikali band club) and Triq il-Madonna Tal-Ġilju (till corner withTriq l-Aħwa Ghigo);
Nhar it-Tlieta, 11 ta' Ġunju, 2024, mill-4.00 p.m. till midnight, mill-Pjazza tal-Knisja (quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali tal-Madonna Tal-Ġilju), il-Pjazza tal-Knisja (quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija), Triq Santa Katarina (sa kantuniera ma' Triq San Inoċenzju), Triq Karmenu Ciantar (sa kantuniera ma' Triq id-9 ta' April 1942), Triq il-Madonna Tal-Ġilju (sa kantuniera ma' Triq l-Aħwa Ghigo) u Pjazza tal-Knisja;	On Tuesday, 11th June, 2024, from 4.00 p.m. till midnight, through Pjazza tal-Knisja (in front of the Madonna Tal-Ġilju Soċjetà Mużikali band club), il-Pjazza tal-Knisja (in front of the Santa Marija Soċjetà Mużikali band club), Triq Santa Katarina (till corner with Triq San Inoċenzju), Triq Karmenu Ciantar (till corner with Triq id-9 ta' April 1942), Triq il-Madonna Tal-Ġilju (till corner with Triq l-Aħwa Ghigo) and Pjazza tal-Knisja;
Nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ġunju, 2024, mill-4.30 p.m. san-12.30 a.m., mill-Pjazza tal-Knisja (quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali tal-Madonna Tal-Ġilju), il-Pjazza tal-Knisja quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija) u Triq Karmenu Ciantar (sa kantuniera ma' Triq id-9 ta' April 1942);	On Wednesday, 12th June, 2024, from 4.30 p.m. till 12.30 a.m., through Pjazza tal-Knisja (in front of the Madonna Tal-Ġilju Soċjetà Mużikali band club), il-Pjazza tal-Knisja (in front of the Santa Marija Soċjetà Mużikali band club) and Triq Karmenu Ciantar (till corner withTriq id-9 ta' April 1942);
Nhar il-Ħamis, 13 ta' Ġunju, 2024, mill-4.30 p.m.san-12.30 a.m., mill-Pjazza tal-Knisja (quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali tal-Madonna Tal-Ġilju), il-Pjazza tal-Knisja quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija), u Triq Karmenu Ciantar (sa kantuniera ma' Triq id-9 ta' April 1942);	On Thursday, 13th June, 2024, from 4.30 p.m. till 12.30 a.m., through Pjazza tal-Knisja (in front of the Madonna Tal-Ġilju Soċjetà Mużikali band club), il-Pjazza tal-Knisja (in front of the Santa Marija Soċjetà Mużikali band club), and Triq Karmenu Ciantar (till corner withTriq id-9 ta' April 1942);

Nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m., mill-Pjazza tal-Knisja (quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali tal-Madonna Tal-Ġilju), il-Pjazza tal-Knisja quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija), Triq Santa Katarina (sa kantuniera ma' Triq San Innoċenzju), Triq Karmenu Ciantar u Triq il-Madonna Tal-Ġilju (sa kantuniera ma' Triq l-Aħwa Ghigo);

Nhar is-Sibt, 15 ta' Ġunju, 2024, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, mill-Pjazza tal-Knisja (quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali tal-Madonna Tal-Ġilju), il-Pjazza tal-Knisja quddiem il-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija), Triq Santa Katarina (sa kantuniera ma' Triq San Innoċenzju), Triq Karmenu Ciantar u Triq il-Madonna Tal-Ġilju (sa kantuniera ma' Triq L-Aħwa Ghigo);

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

It-28 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Avveniment Imnarja 2024

Espressjoni ta' Interess

Qed issir sejħa għall-partijiet interessati biex jipparteċipaw f'din l-espressjoni ta' interess għall-provvista ta' bankarelli tal-ikel waqt l-Imnarja 2024.

Id-dettalji kollha flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Ministeru (https://agrikoltura.gov.mt).

Applikanti prospettivi huma mitluba jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni (anness 2, anness 3 u dokumenti kollha mitluba) jew permezz ta' ittra elettronika lil (epu.mafa@gov.mt), jew bl-idejn għall-attenzjoni tal-Events and Promotions Unit, Operations

as shown edged in red on the plan P.D.2022_0416. This site is landlocked. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €10,900 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and forty-five thousand and five hundred and sixty-four Euros (€145,564) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 36. Sale of a site tale quale at Triq Mikiel Anġlu Borg, San Ġiljan as shown edged in red on the plan P.D.2017_0043. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €27,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nine hundred and fifty-five thousand Euros (€955,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

28th May, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Mnarja 2024 Event

Expression of Interest

A call is being issued for interested parties to participate in this expression of interest for the provision of food stalls during the Mnarja 2024.

Full details together with the application form can be downloaded from the Ministry's website (https://agrikoltura.gov.mt).

Prospective applicants are asked to register their interest by filling in and submitting the standard application form (annex 2, annex 3 and requested documents), either by email to (epu.mafa@gov.mt), or by hand to the attention of the Events and Promotions Unit, Operations Directorate,

Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (aktar magħruf bħala 'L-Għammieri'), Il-Marsa MRS 3000.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Id-data u l-ħin tal-għeluq għas-sottomissjoni hija l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024, sal-10.00 a.m.

It-28 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Avveniment Imnarja 2024

Espressjoni ta' Interess

Qed issir sejħa għall-partijiet interessati biex jipparteċipaw f'din l-espressjoni ta' interess għall-provvista ta' trakkijiet tal-ikel fiż-żona tal-kompetizzjonijiet tal-annimali waqt l-Imnarja 2024.

Id-dettalji kollha flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Ministeru (https://agrikoltura.gov.mt).

Applikanti prospettivi huma mitluba jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni (anness 2, anness 3 u dokumenti kollha mitluba) jew permezz ta' ittra elettronika lil (epu.mafa@gov.mt), jew bl-idejn għall-attenzjoni tal-Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (aktar magħruf bħala 'L-Għammieri'), Il-Marsa MRS 3000.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Id-data u l-ħin tal-għeluq għas-sottomissjoni hija l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024, sal-10.00 a.m.

It-28 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Avveniment Imnarja 2024

Espressjoni ta' Interess

Qed issir sejħa għall-partijiet interessati biex jipparteċipaw f'din l-espressjoni ta' interess għall-provvista taż-żona tal-ikel u x-xorb prinċipali waqt l-Imnarja 2024.

Id-dettalji kollha flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Ministeru (https://agrikoltura.gov.mt).

Applikanti prospettivi huma mitluba jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew u jissottomettu l-formola

Agriculture Research and Innovation Hub (better known as 'Għammieri'), Marsa MRS 3000.

Late applications will not be considered. The closing date and time for submission is Wednesday, 29th May, 2024, by 10.00 a.m.

28th May, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Mnarja 2024 Event

Expression of Interest

A call is being issued for interested parties to participate in this expression of interest for the provision of food trucks for the livestock competition area during the Mnarja 2024.

Full details together with the application form can be downloaded from the Ministry's website (https://agrikoltura.gov.mt).

Prospective applicants are asked to register their interest by filling in and submitting the standard application form (annex 2, annex 3 and requested documents), either by email to (epu.mafa@gov.mt), or by hand to the attention of the Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (better known as 'Għammieri'), Marsa MRS 3000.

Late applications will not be considered. The closing date and time for submission is Wednesday, 29th May, 2024, by 10.00 a.m.

28th May, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Mnarja 2024 Event

Expression of Interest

A call is being issued for interested parties to participate in this expression of interest for the provision of the main food stall and main bar during the Mnarja 2024.

Full details together with the application form can be downloaded from the Ministry's website (https://agrikoltura.gov.mt).

Prospective applicants are asked to register their interest by filling in and submitting the standard application form

tal-applikazzjoni (anness 2, anness 3 u dokumenti kollha mitluba) jew permezz ta' ittra elettronika lil (epu.mafa@gov.mt), jew bl-idejn għall-attenzjoni tal-Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (aktar magħruf bħala 'L-Għammieri'), Il-Marsa MRS 3000.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Id-data u l-ħin tal-għeluq għas-sottomissjoni hija l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024, sal-10.00 a.m.

It-28 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Avveniment Imnarja 2024

Espressjoni ta' Interess

Qed issir sejħa għall-partijiet interessati biex jipparteċipaw f'din l-espressjoni ta' interess għall-provvista ta' bankarella tal-ikel li sservi plattini Maltin u inbid lokali waqt l-Imnarja 2024.

Id-dettalji kollha flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Ministeru (https://agrikoltura.gov.mt).

Applikanti prospettivi huma mitluba jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni (anness 2, anness 3 u dokumenti kollha mitluba) jew permezz ta' ittra elettronika lil (epu.mafa@gov.mt), jew bl-idejn għall-attenzjoni tal-Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (aktar magħruf bħala 'L-Għammieri'), Il-Marsa MRS 3000.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Id-data u l-ħin tal-għeluq għas-sottomissjoni hija l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024, sal-10.00 a.m.

It-28 ta' Mejju, 2024

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba, qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal offerta:

Referenza tal-Proġett VOPS A2.09.2024

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba, teħtieġ l-offerta tas-servizzi għall-provvista u installazzjoni ta' 'hydraulic lift' bħala parti mill-VOPS A2.09.2024 Investing in Facility Upgrades, Accessibility, and Modernisation.

(annex 2, annex 3 and requested documents), either by email to (epu.mafa@gov.mt), or by hand to the attention of the Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (better known as 'Għammieri'), Marsa MRS 3000.

Late applications will not be considered. The closing date and time for submission is Wednesday, 29th May, 2024, by 10.00 a.m.

28th May, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Mnarja 2024 Event

Expression of Interest

A call is being issued for interested parties to participate in this expression of interest for the provision of a stall serving Maltese platters and local wines during the Mnarja 2024.

Full details together with the application form can be downloaded from the Ministry's website (https://agrikoltura.gov.mt).

Prospective applicants are asked to register their interest by filling in and submitting the standard application form (annex 2, annex 3 and requested documents), either by email to (epu.mafa@gov.mt), or by hand to the attention of The Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (better known as 'Għammieri'), Marsa MRS 3000.

Late applications will not be considered. The closing date and time for submission is Wednesday, 29th May, 2024, by 10.00 a.m.

28th May, 2024

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba, is requesting the call for tenders:

Project Reference VOPS A2.09.2024

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba, needs the provision and installation of a goods hydraulic lift, as part of the A2.09.2024 Investing in Facility Upgrades, Accessibility, and Modernisation.

Aktar speċifikazzjonijiet jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info@santamarija.com).

L-offerta tagħlaq nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inkluzjoni u l-Volontarjat.

It-28 ta' Mejju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika CFT 021-3564/24. Provvista ta' 'Moclobemide 150mg tablets', ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024, id-data tal-għeluq ġiet estiża għat-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024.

It-28 ta' Mejju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024.

ERU2305U24A – Medicinal
ERU2305U24B – Medicinal
ERU2305U24C – Medicinal
ERU2305U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-28 ta' Mejju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024.

ERU2405U24A – Medicinal
ERU2405U24B – Medicinal
ERU2405U24C – Medicinal
ERU2405U24D – Devices
ERU2405U24E – Devices

Further specifications may be obtained by email to (info@santamarija.com).

Deadline for submissions is Tuesday, 18th June, 2024.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector.

28th May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT 021-3564/24. Supply of Moclobemide 150mg tablets, published in the Government Gazette of Friday, 24th May, 2024, the closing date will be extended till Tuesday, 18th June, 2024.

28th May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 29th May, 2024.

ERU2305U24A – Medicinal
ERU2305U24B – Medicinal
ERU2305U24C – Medicinal
ERU2305U24 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

28th May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 30th May, 2024.

ERU2405U24A – Medicinal
ERU2405U24B – Medicinal
ERU2405U24C – Medicinal
ERU2405U24D – Devices
ERU2405U24E – Devices

ERU2405U24F – Medicinal
ERU2405U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-28 ta' Mejju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 020-3575/24. 'Steerable wire for peripheral vascular use'
CFT 021-3576/24. 'Potassium Phosphate infusion'
CFT 021-3577/24. 'Solution containing electrolytes and trace elements'
CFT 021-3578/24. 'Trace elements concentrate for solution for infusion for use in infants and children'
CFT 021-3579/24. 'Icatibant 30mg solution for injection in pre-filled syringes'
CFT 021-3580/24. 'Phenylalanine-free liquid food preparation for phenylketonuria'
CFT 021-3581/24. 'Nutritional supplement for the dietary management of phenylketonuria'
CFT 020-3582/24. 'Disposable trans urethral resection'
CFT 020-3583/24. 'Haemostatic patch'
CFT 021-3584/24. 'Timolol 0.5% eye drops'
CFT 020-3585/24. 'Biopsy packs and battery powered bone drill'
CFT 020-3586/24. 'Disposable 5-12mm hassan ports'
CFT 020-3587/24. 'Sterile banded bags'
CFT 021-3588/24. 'University of Wisconsin solution'
CFT 021-3589/24. 'Aprepitant 80mg and 125mg capsules'
CFT 021-3590/24. 'Omeprazole 20mg capsules/tablets'
CFT 020-3591/24. 'TAVI for patients with complex anatomy'
CFT 020-3592/24. 'Intra coronary pressure guide wires'
CFT 021-3593/24. 'Clotrimazole 1% cream'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit

ERU2405U24F – Medicinal
ERU2405U24 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

28th May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 18th June, 2024, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 020-3575/24. Steerable wire for peripheral vascular use
CFT 021-3576/24. Potassium Phosphate infusion
CFT 021-3577/24. Solution containing electrolytes and trace elements
CFT 021-3578/24. Trace elements concentrate for solution for infusion for use in infants and children
CFT 021-3579/24. Icatibant 30mg solution for injection in pre-filled syringes
CFT 021-3580/24. Phenylalanine-free liquid food preparation for phenylketonuria
CFT 021-3581/24. Nutritional supplement for the dietary management of phenylketonuria
CFT 020-3582/24. Disposable trans urethral resection
CFT 020-3583/24. Haemostatic patch
CFT 021-3584/24. Timolol 0.5% eye drops
CFT 020-3585/24. Biopsy packs and battery powered bone drill
CFT 020-3586/24. Disposable 5-12mm hassan ports
CFT 020-3587/24. Sterile banded bags
CFT 021-3588/24. University of Wisconsin solution
CFT 021-3589/24. Aprepitant 80mg and 125mg capsules
CFT 021-3590/24. Omeprazole 20mg capsules/tablets
CFT 020-3591/24. TAVI for patients with complex anatomy
CFT 020-3592/24. Intra coronary pressure guide wires
CFT 021-3593/24. Clotrimazole 1% cream

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website.

elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-28 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI BORMLA

Il-Kunsill Lokali Bormla jgħarraf li:

Sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Ġunju, 2024, offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Bormla, għal:

Avviż Nru. KLBO02/2024. Tisbiħ ta' ġnien eżistenti f'Fuq Verdala, Bormla.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/ imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-28 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI BORMLA

Il-Kunsill Lokali Bormla jgħarraf li:

Sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Ġunju, 2024, offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Bormla, għal:

Avviż Nru. KLBO03/2024. Ġbir ta' skart goff u WEEE millokalità ta' Bormla, bl-użu ta' trasport b'emissjonijiet baxxi.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/ imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-28 ta' Mejju, 2024

Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

28th May, 2024

BORMLA LOCAL COUNCIL

The Bormla Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Bormla Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Tuesday, 25th June, 2024, for:

Advt No. KLBO02/2024. Embellishment of the existing garden at Fuq Verdala, Cospicua.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/ downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

28th May, 2024

BORMLA LOCAL COUNCIL

The Bormla Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Bormla Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Tuesday, 25th June, 2024, for:

Advt No. KLBO03/2024. Collection of bulky refuse and WEEE from the locality of Cospicua, using low emission transport.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/ downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

28th May, 2024

1170

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' April, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Louis Apap Bologna et vs Carmelo Brincat et, Rikors numru 81/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carmelo Brincat u Carmen Brincat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Louis Apap Bologna (KI 701544M) u Bernardette Apap Bologna (KI 159251M) vs Carmelo Brincat (KI 421362M) u Carmen Brincat (KI 486561M) ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-20 ta' Frar 2024, ir-rikorrenti Louis Apap Bologna (KI 701544M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-konjuġi Carmelo Brincat (KI 421362M) u Carmen Brincat (KI 486561M) huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond 99, Draco, Triq il-Frangiskani ġja Villambrosa Street, L-Imsida, ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilini intimati Carmelo Brincat (KI 421362M) u Carmen Brincat (KI 486561M) a termini tal-Att XXIV tal-2021, liema test tal-mezzi għanu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi kif stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa a tenur tal-artikolu 1622A tal-Kodiċi, u kwalsijasi regolamenti illi jistgħu jissostitwuhom;

3. Konsegwentement jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont illi ma jeċċedix it-2% fis-sena jew kwalunkwe persentaġġ li jista' minn żmien għal żmien jiġi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni tal-1 ta' Jannar, 2024, u ċjoè s-sena li matulha ġie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kundizjonijiet godda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ;

4. Jikkundannna lill-inkwilini intimati Carmelo Brincat (KI 421362M) u Carmen Brincat (KI 486561M) jibdew iħallsu dik it-tali kera hekk likwidata;

5. Jagħti dawk l-ordnijiet neċessarji ai termini tal-Artikolu 1531F tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att XXIV tal-2021 f'każ li l-kerrejja ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi skont regolamenti maħruġa mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni minn żmien għal żmien.

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni tal-intimat minn issa in subizzjoni.

By means of a decree of the 15th April, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Louis Apap Bologna et vs Carmelo Brincat et, Application number 81/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Carmelo Brincat and Carmen Brincat in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Louis Apap Bologna (ID 701544M) and Bernardette Apap Bologna (ID 159251M) vs Carmelo Brincat (ID 421362M) and Carmen Brincat (ID 486561M) filed before the Rent Regulation Board, on the 20th February 2024, the applicants Louis Apap Bologna (ID 701544M) et requested this Honourable Board to:

1. Declare and decide that the respondents spouses Carmelo Brincat (ID 431362M) and Carmen Brincat (ID 486561M) are the lessees of premises 99, Draco, Triq il-Franġiskani gia Villambrosa Street, Msida, in terms of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Order that the means test of the respondents Carmelo Brincat (ID 421362M) and Carmen Brincat (ID 486561M) in terms of Act XXIV of 2021, which test be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations that replace them;

3. Consequently declare and decide that in terms of the Act XXIV of 2021, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year or any other percentage that from time to time may be established of the free and unencumbered open market value of the premises of the 1st January 2024 and that is the year during which this application was filed and to establish new conditions regarding the lease if the case may be;

4. Condemn the respondents Carmelo Brincat (ID 421362M) and Carmen Brincat (ID 486561M) start paying the rent as liquidated;

5. Give thosenecessary orders in terms of Article 1531F of Cap 16 of the Laws of Malta and of Act XXIV of 2021 if the lessees do not satisfy the criteria of the income and capital of the means test according to the rule issued by the Ministry of Accomodation from time to time.

With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Rikorrent: 109, Windsor Terrace, Tas-Sliema

Intimati: Carmelo Brincat u Carmen Brincat, 99 Draco, Triq il-Franġiskani, L-Imsida

Notifika: L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Louis Apap Bologna et vs Carmelo Brincat et, Rikors numru 81/2024JG, jinsab differit għat-3 ta' Ġunju, 2024, fid-9.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Mejju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicants: 109, Windsor Terrace, Tas-Sliema

Respondents: Carmelo Brincat u Carmen Brincat, 99 Draco, Triq il-Franġiskani, Msida

Notification: Housing Authority

The application in the names Louis Apap Bologna et vs Carmelo Brincat et, Application number 81/2024JG, has been postponed for hearing to the 3rd June, 2024, at 9.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 24th May, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1171

Permezz ta' digriet mogħti fl-13 ta' Marzu, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Anthony Formosa et noe vs Rita Gerada, Rikors numru 42/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Rita Gerada a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Anthony Formosa (KI 119951M), Natalino sive Lino Bonello (KI 024254M) għan-nom u in rappreżentanza ta' Vivienne Formosa (KI Taljana AS6812818), Dott. Saraha Pirotta Chircop Beck għan-nom u in rappreżentanza ta' Mario Formosa (passaport Malti 1153998) vs Rita Gerada (KI 0016059M) u l-Awtorità tad-Djar ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-30 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrenti Anthony Formosa (Ki 119951M) et noe lli (KI 0519149M), Dorothy Uhlenhaut (KI 0541452M), Patrick Dalli (KI 521555M) u Josephine Dalli (KI 0671850M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimata Rita Gerada (KI 16059M) hija l-inkwilina tal-fond numru 36, Triq San Tumas, Il-Ħamrun, u tikkwalifika bħala kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021 u b'hekk hija intitolata tkompli tokkupa d-dar ta' abitazzjoni ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021;

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi kif stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa a tenur tal-artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostituwhom ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2023, u fuq il-Kapital tal-kerrejj fil-31 ta' Diċembru, 2023.

By means of a decree of the 13th March, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Anthony Formosa et noe vs Rita Gerada et, Application number 42/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Rita Gerada in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Anthony Formosa (ID 119951M), Natalino sive Lino Bonello (ID 024254M) for and on behalf of Vivienne Formosa (Ialian ID AS6812818), Dr Saraha Pirotta Chircop Beck for and on behalf of Mario Formosa (Maltese passport 1153998) vs Rita Gerada (ID 0016059M) and Housing Authority filed before the Rent Regulation Board, on the 30th January, 2024, the applicants Anthony Formosa (ID 119951M) et noe requested this Honourable Board to:

1. Declare and decide that the respondent Rita Gerada (ID 16059M) is the lessee of the premises with official number 36, Triq San Tumas, Ħamrun, and qualifies as the lessee of a residential house on the basis of this definition, in terms of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance as amended by Act XXIV of 2021. And thus she is entitled to continue residing in terms of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulaion) Ordinance as emended by Act XXIV;

2. Order that the means test of the respondent be carried out which shall be based on the means test established in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued in terms of Article 1622A of the Civil Code and any regulations which may from time to time replace them, which means test shall be based on the income of the respondent between the 1st January and the 31st January, 2023, and on the capital of the same respondent on the 31st December 2023.

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma' jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur, liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond bin-numru ufficjali 36, Triq San Tumas, Il-Ħamrun, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

4. Jordna, f'każ illi l-intimata ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul tal-Kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimata mill-fond inkwistjoni fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni tal-intimata għas-subizzjoni, u b'riserva u mingħajr pregudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tigi preżentata.

Rikorrent: c/o Block 29, Flat 7, Vincenti Building, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Notifika: Rita Gerada, 36, Triq San Tumas, Il-Ħamrun
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Anthony Formosa et noe vs Rita Gerada et, Rikors numru 42/2024JG, jinsab differit għat-18 ta' Ġunju, 2024, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Mejju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Declare and decide that in terms of Act number XXVII of the year 2021, the rent is to be revised, to an amount which does not exceed 2% of the free and unencumbered market value of the premises 36, Triq San Tumas, Ħamrun and in order to establish new conditions regarding the rent;

4. Order that in case the respondent does not satisfy the criteria of income and capital of the means test the eviction of the same respondent from the premises in question, within a short and peremptory time established by this Board and by not later than two years from the 1st June, 2021.

With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their oath be made, and without prejudice for any other action that may eventually be filed.

Applicants: c/o Block 29, Flat 7, Vincenti Building, Triq id-Dejqa, Valletta

Notification: Rita Gerada, 36, Triq San Tumas, Ħamrun
Housing Authority

The application in the names Anthony Formosa et noe vs Rita Gerada et, Application number 42/2024JG, has been postponed for hearing to the 18th June, 2024, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 24th May, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1172

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fis-6 ta' Marzu, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 2/2024 fl-ismijiet Michael Angelo Cassar vs GO plc, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Michael Angelo Cassar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 217/21, ippreżentat fit-30 ta' Jannar, 2024, mis-soċjetà GO plc (C22334) hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni mogħtija nhar is-17 ta' Jannar, 2024, mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur billi dan it-tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni korretta u sħiħa tal-fatti li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u li japplika b'mod korrett il-provvedimenti u l-prinċipji legali viġenti u mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali bil-konsegwenza li ġew ippreġudikati l-jeddijiet tas-soċjetà esponenti.

Għaldaqstant, is-soċjetà appellanti titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tal-Artikolu 22(4) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, ħlief għall-ordni sabiex is-Sur Cassar jirritorna lura l-apparat tas-soċjetà esponenti

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 6th March 2024, in the records of the Application number 2/2024 in the names Michael Angelo Cassar vs GO plc, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Michael Angelo Cassar in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Appeal Application number 217/21, filed on the 30th January 2024 by GO plc (C 22334) it felt aggrieved by the decision delivered on the 17th January, 2024, by the Consumer Claims Tribunal since this tribunal failed to take correct and full cognisance of the facts at its disposal, and failed to correctly apply the provisions and legal principles in force and breached the principles of natural justice with the consequence that the rights of the appellant company were prejudiced.

Therefore, the appellant company respectfully requests this Honourable Court so that, in terms of section 22(4) of Cap 378 of the Laws of Malta, except for the order that Mr Cassar returns the equipment of the appellant company

li għadu fil-pussess tiegħu, tħassar dak deċiż mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess Michael Angelo Cassar.

Ir-Rikors tal-Appell numru 217/21 fl-ismijiet Michael Angelo Cassar vs GO plc jinsab iddifferit għas-26 ta' Ġunju, 2024, fid-9.10 a.m.

Notifika: Cassar Michael Angelo, 51, Casa Anag, Triq Karlu Maratta, Ħal Tarxien

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), illum 23 ta' Mejju, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

which is still in his possession, it annuls what has been decided by the Consumer Claims Tribunal and upholds its pleas, with costs of both instances against the same Michael Angelo Cassar.

Application of Appeal number 217/21 in the names Michael Angelo Cassar vs GO plc has been deferred to the 26th June, 2024, at 9.10 a.m.

Notification: Cassar Michael Angelo, 51, Casa Anag, Triq Karlu Maratta, Ħal Tarxien

Registry of the Cour of Appeal (Inferior Jurisdiction) this day 23rd May, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1173

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Mejju, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 101/2024AGV fl-ismijiet Simon Bugeja vs Rita Bugeja, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Rita Bugeja a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Simon Bugeja (KI 250470M) vs Rita Bugeja (ID 38468M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 101/2024AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Frar, 2024, ir-rikorrenti Simon Bugeja (KI 250470M) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossija l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex id-divorzju jiġi reġisrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-kawża fl-ismijiet Simon Bugeja vs Rita Bugeja (Rikors numru 101/2024AGV) hija differita għall-11 ta' Ġunju, 2024, fl-10.15a.m.

Rikorrenti: Nuna Garage, No. 5, Andreas Yard, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ

Notifika: Rita Bugeja, Santa Marija, Triq l-Għeneb, Ħaż-Żebbuġ

By means of a decree of the 9th May, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Simon Bugeja vs Rita Bugeja, Application number 101/2024AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Rita Bugeja in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the records of the Sworn Application number 101/2024AGV in the names Simon Bugeja (ID 250470M) vs Rita Bugeja (ID 38468M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th February, 2024, the applicant Simon Bugeja (ID 250470M) requested this Honourable Court to:

1. To pronounce the divorce, that is the dissolution of marriage between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time allowed for this purpose, notifies the Director of Public Registry of the dissolution of marriage between the parties so that he can take all the necessary steps so that the divorce be registered in the Public Registry and this in terms of Article 66A(4) of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

The application in the names Simon Bugeja vs Rita Bugeja, Application number 101/2024AGV, has been postponed for hearing to the 11th June, 2024, at 10.15 a.m.

Applicant: Nuna Garage, No. 5, Andreas Yard, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ

Notification: Rita Bugeja, Santa Marija, Triq l-Għeneb, Ħaż-Żebbuġ

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 24 ta' Mejju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 24th May, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1174

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fis-7 ta' Novembru, 2023, fuq talba ta' Michelle Briffa ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Mohamed Elbarghathi, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 586/2023JPG, fl-ismijiet Michelle Briffa vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' rikors ġuramentat fl-ismijiet Michelle Briffa (KI 0246389M) vs Kuraturi Deputati sabiex jidhru fl-interessi ta' Mohamed Elbarghathi (KI 141591A) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 586/2023JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-2 ta' Novembru 2023, Michelle Briffa talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli mill-istess Qorti, javża lir-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rikorrenti: c/o PROLEGAL Advocates, Vjal ir-Riħan, Triq tal-Balal, San Ġwann

Intimat: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 7th November, 2023, following a request of Michelle Briffa it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Mohamed Elbarghathi, in the records of the Sworn Application 586/2023JPG, in the names Michelle Briffa vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a sworn application in the names Michelle Briffa (ID 0246389M) vs Deputy Curators to appear for the interest of Mohamed Elbarghathi (ID 141591A) , in the records of the Sworn Application bearing reference 586/2023JPG, filed in the Civil Court (Family Section), on the 2nd November 2023, the applicant Michelle Briffa requested this Honourable Court so that it:

1. Prononuce the dissolution of the marriage between the parties;

2. Orders the Registrar of Courts, in a time frame given by the same Honourable Court to inform the Director of Public Registry of the dissolution of the aforementioned marriage so the dissolution is registered in the Public Registry.

Applicant: c/o PROLEGAL Advocates, Vjal ir-Rihan, Triq tal-Balal, San Ġwann

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 29 ta' Novembru, 2023

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 24 ta' Mejju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned,with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela LLD, Doctor of Laws.

Today 29th November, 2023

Registry of the Civil Court (Family Section), today 24th May, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1175

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' April, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 7/2024JPG fl-ismijiet Rachel De Cesare vs David De Cesare, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat David De Cesare a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Rachel De Cesare (KI 417383M) vs David De Cesare (KI 474882M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 7/2024JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrenti Rachel De Cesare talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i. Tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

ii. Tiddikjara li l-intimat David De Cesare huwa unikament ħati għall-firda tal-kontendenti ai termini tar-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 40 u/jew fl-Artikolu 41 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Tapplika kontra l-intimat d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri … omissis … esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u tordna li r-residenza ordinarja tal-minuri … omissis … tkun mal-omm, ossija mar-rikorrenti Rachel De Cesare;

v. Tiddetermina u tiffissa ammont ta' manteniment għall-minuri … omissis …skont il-bżonnijiet u fl-aħjar interess tal-istess minuri u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u awmentat kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;

vi. Konsegwentement tordna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti l-manteniment hekk determinat u ffissat minn din l-Onorabbli Qorti għall-istess minuri, liema manteniment għandu jitħallas lir-rikorrenti permezz ta' standing order jew

By means of a decree of the 10th April, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Rachel De Cesare vs David De Cesare, Application number 7/2024JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent David De Cesare in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

By means of an Application in the records of the Sworn Application number 7/2024JPG in the names ismijiet Rachel De Cesare (ID 417383M) vs David De Cesare (ID 474882M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 15th January, 2024, the applicant Rachel De Cesare (ID 474882M) requested this Honourable Court to:

i. The personal separation between the parties be declared for all intents and purposes of law;

ii. Declare that the respondent David de Cesare is solely guilty for the separation of the parties in terms of Article 40 and/or Article 41 of Cap. 16 of the Laws of Malta;

iii. Apply against the respondent the provisions of Article 48 of Cap. 16 of the Laws of Malta;

iv. Entrust the care and custody of the minor … omissis … exclusively to the applicant and order that the ordinary residence of the minor … omissis … be with the mother, or rather with the applicant Rachel de Cesare;

v. Determine and fix an amount of maintenance for the minor … omissis … according to the néeds and in the best interest of the same minor and provide on the modalities of how the same maintenance should be reviewed and increased every year to reflect the increase in the cost of living;

vi. Consequently order the respondent to pay the applicant the maintenance so determined and fixed by this Honourable Court for the same minor, which maintenance is to be paid to the applicant by means of a standing order

bi kwalunkwe modalità oħra deċiża minn din l-Onorabbli Qorti u tordna li tali manteniment jibqa' jitħallas sakemm l-istess minuri tagħlaq l-età ta' 18-il sena jew inkellha tibda taħdem full-time (skont liema minnhom tiġi l-ewwel) u f'każ li l-minuri tkompli tistudja full-time wara li tagħlaq l-età ta' 18-il sena, sakemm tagħlaq l-età ta' 23 sena jew tikkonkludi l-istudju tagħha (skont liema minnhom tiġi l-ewwel.

vii. Tordna lill-intimat sabiex iħallas nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri … omissis …;

